# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 201/2011JB

Numru 4

**Systec Limited (C2864)**

**vs**

**Mary Anne Portelli (K.I.: 336357M) ezercjenti l-kummerc taht l-isem "Eye Communications" u b'digriet tat-8 ta' Lulju 2013 gie kjamat in kawza Mark Anthony Portelli**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-24 ta' Frar 2011 fejn is-Socjeta Attrici issottomettiet dan li gej:

> Illi l-Konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' elfejn hames mija u disghin euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,590.54) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' "*computer hardware*" mixtri minghand is-Socjeta Attrici skond kif jirrizulta mill-anness dokument;
>
> Illi l-Konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja cioe kif jirrizulta mill-istess dokument esebit, flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 30 ta' Settembru 2010 kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni;

Ra l-Avviz tas-Smiegh li permezz tieghu l-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2011;

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata, ipprezentat risposta tardivament nhar l-1 ta' April 2011, li permezz taghha laqghet ghat-talba kif gej:

> Illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti hija infondata (sic) fil-fatt u fid-dritt stante illi:
>
> 1. Il-konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet kif esposti mir-rikorrenti u dan ghaliex hija qatt ma ghamlet l-ebda tip ta' kummerc mis-socjeta rikorrenti (sic), wisq anqas qatt dehret bhala ezercjenti f'kummerc ma' "Eye Communications";

2. Illi bla pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, il-konvenuta qatt ma kienet involuta f'xi tip ta' kummerc jew kwalunkwe tip ta' konnessjoni ohra ma' "Eye Communications";

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-rikors tas-Socjeta Attrici pprezentat nhar is-26 ta' Marzu 2012 fejn intalbet il-kjamata in kawza ta' Mark Anthony Portelli, ghal-liema rikors, il-Konvenuta ma pprezentat ebda risposta;

Ra d-digriet tat-8 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu it-Tribunal ordna l-kjamata in kawza ta' Mark Anthony Portelli;

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2014 fejn il-kawza thalliet *sine die*;

Ra d-digriet tad-29 ta' April 2014 fejn fuq rikors tas-Socjeta Attrici, it-Tribunal ordna li l-kawza terga' titqieghed fuq il-lista ghas-smiegh;

Ra li l-Kjamat in Kawza, debitament notifikat, ipprezenta risposta nhar l-10 ta' Gunju 2014, li permezz taghha laqa' ghat-talba kif gej:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi, in linea preliminari, t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, inoltre, l-kjamat in kawza mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex hu dejjem agixxa f'isem is-socjeta Eye Communications Limited;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra s-sentenza preliminari moghtija nhar is-16 ta' Gunju 2015 li permezz taghha it-Tribunal (i) laqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kjamat in Kawza fil-waqt li ddecieda li mhemmx il-htiega li tigi deciza it-tieni eccezzjoni minnu sollevata; (ii) ordna li l-Kjamat in Kawza jinhareg mill-kawza; (iii) dwar l-ispejjez iddecieda li dawn jigu decizi fis-sentenza definittiva; u (iv) ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Sema' x-xhieda u qies il-provi l-ohra kollha prodotti mill-kontendenti;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €2,590.54 in konnessjoni ma' "*computer hardware*" mixtri minghand is-Socjeta Attrici. In sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet bhala xhieda lill-Konvenuta in subizzjoni u lil Adrian Caruana Anastasi. Da parti tal-kontro-parti tressaq affidavit tal-Kjamat in Kawza;

Illi t-Tribunal ihoss li jkun qiegħed jonqos jekk qabel xejn ma jirrimarkax li huwa deplorevoli li kawża bħal din kellha tiddilunga għal erba' snin u nofs. Minn eżami tal-process jidher biċ-ċar li l-partijiet u d-difensuri tagħhom jaħtu mhux ftit għal dan id-dewmien. Certament li agir u dewmien bħal dan ma jagħmilx gid aktar u aktar meta tqis li l-ftit provi li hemm fil-process setgħu facilment jitressqu f'tebqa' t'għajn. Hija ħasra li agir bħal dan jitfa' dell ikraħ fuq il-process ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja u jtellef il-fiduċja li l-poplu għandu jkollu fis-sistema ġudizzjarja. It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax ukoll kif provi essenzjali bħal kopja ta' ittra uffiċċjali imsemmija fl-avviż tat-Talba ma ġietx prezentata u dan minkejja li qed jintalbu l-ispejjeż tagħha. Wieħed jittama li dawn ir-rimarki jqanqlu lill-dawk involuti sabiex jekk jerġgħu jintrigaw għal xogħol quddiem dan it-Tribunal, jimxu b'mod differenti;

Illi magħmula tali rimarki t-Tribunal se jgħaddi sabiex jagħti sunt tal-provi prodotti;

Meta xehdet in subizzjoni, il-Konvenuta (a fol 12) ikkonfermat ir-risposta tagħha u qalet li hi qatt ma kellha rapport mas-Soċjeta Attriċi, qatt ma eżerċitat kummerċ taħt l-isem "Eye Communications" u qatt ma eżerċitat il-kummerċ taħt kwalsiasi isem ieħor. Meta xehdet in kontro-eżami (a fol 22) stqarret li kienet għal xi żmien reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bin-numru 16426217 u waqqfet din ir-reġistrazzjoni madwar is-sena 2010. Tgħid li żewġha pensjonant kien fotografu u kien jaħdem mid-dar, u kien ukoll reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT). Hija kkonfermat li ma kellhiex x'taqsam mas-Soċjeta Attriċi iżda meta ġie suġġerit lilha li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT tagħha seta' ntuża rigward ordni mas-Soċjeta Attriċi, il-Konvenuta ikkonfermat li dan in-numru kien qiegħed juzah it-tifel tagħha li jismu Mark u li jabita magħha. Dan it-tifel kellu negozju relatat mal-kompjuters. Murija d-dokument a fol 2 tal-process, il-Konvenuta stqarret li n-numru tal-VAT huwa tagħha minkejja li sostniet li l-ordni ma kienetx għamlitha hi;

Mark Anthony Portelli xehed permezz ta' affidavit (a fol 55) fejn stqarr li hu direttur tas-soċjeta Eye Communications Limited li kienet tipprovdi servizz ta' konsulenza fl-IT. Ikkonferma li għall-ħabta tal-2007 kien akkwista xi affarijiet mingħand is-Soċjeta Attriċi iżda ma jiftakarx min kien għamel l-ordni għad li din kienet saret f'isem Eye Communications Limited. Imbagħad jgħid li qatt ma ġie interpellat b'ittra uffiċċjali u li l-uniku avviż li rċieva kien l-avviż tar-riappuntament tal-odjerna kawża. Meta xehed in kontro-eżami (a fol 58) Portelli jgħid li ma jiftakarx li kellu jagħti lis-Soċjeta Attriċi għad li jgħid li hu kellu x'jaqsam mas-Soċjeta Attriċi permezz ta' Eye Communications Limited. Ma jiftakarx x'numru tal-VAT kien jintuża kif lanqas jiftakar it-transazzjoni imsemmija fid-dokument a fol 2. Mistoqsi dwar in-numru tal-VAT muri fid-dokument a fol 2 jgħid li dak in-numru huwa qatt ma pprovdieh. Jgħid li ommu ma kienetx involuta fin-negozju tiegħu. Jgħid li ma jiftakarx x'hemm u m'hemmx dovut anke peress li ma ġewx prezentati fatturi;

Adrian Caruana Anastasi, kontrollur finanzjarju tas-soċjeta' attriċi, xehed (a fol 65A) li s-Soċjeta Attriċi topera fil-qasam tal-IT fis-sens li timporta u tikkummerċja f'Malta prodotti tal-informatika. Jgħid illi kienu ngħataw tagħrif sabiex jinfetaħ kont f'isem Eye Communications, marbut ma' dan il-kont kienu ngħataw ukoll numru tal-VAT. Il-kont għalhekk infetaħ b'dak l-isem u poġġew ukoll in-numru tal-VAT li kienu ngħataw u bdew jikkumerċjaw b'mod normali fis-sens li kienu jipprovdu xogħol lil Eye Communications bil-VAT number li kellhom. Kollox kien miexi sew sakemm fl-aħħar spiċċaw b'xi fatturi li ma ġewx saldati u sussegwentement mexxew bil-proċeduri odjerni. Jgħid li n-numru tal-VAT kien ipprovdih il-klijent li kien deher għandhom. Ix-xhud ipprezenta wkoll tliet fatturi u xi dokumenti oħra (a fol 66 *et seq*). Jispjega li hemm diskrepanza bejn l-ammont mitlub fl-

avviz u l-ammont li jirrizulta mill-prospett a fol 70 peress li kien hemm xi spejjez legali li s-Socjeta Attrici kienet ghamlet minhabba din il-kwistjoni. Jghid li meta kienu jaghtu x-xoghol lil Eye Communications kien jiffirma ghalih Mark Anthony Portelli, kif jidher mill-fattura a fol 66. Jghid li kien ikkomunika ma' dan Portelli bl-email u pprezenta l-korrispondenza relattiva (a fol 71). Jghid li Portelli qatt ma qal illi n-numru tal-VAT ma kienx tieghu kif lanqas qatt ma talab li jsiru tibdiliet. Jghid illi kien ghamel ricerkja minn fejn irrizulta li l-isem "Eye Communications" fil-verita' kien isem tal-kummerc u mhux isem ta' socjeta' filwaqt li n-numru tal-VAT li kellha s-Socjeta Attrici kien jghajjat lill-Konvenuta. Jghid illi s-Socjeta Attrici qatt ma rceviet xi taghrif minghand il-Konvenuta jew minghand xi hadd iehor li n-numru tal-VAT taghha kien qed jintuza abbuzivament. Jghid li ghad li ma jafx fejn kien jitwassal ix-xoghol, minn dak li jaf, ix-xoghol gie kkonsenjat u dan hu anke kkonfermat mill-firem fuq il-fatturi. Ix-xhud ikkonferma li r-relazzjoni bejn is-Socjeta Attrici u Eye Communications kienet ilha ghaddejja snin u kull ma baqa' pendenti huma l-ahhar tliet fatturi li huma mertu ta' din il-kawza. Jghid li qabel ma bdiet il-kawza ghamel ricerka u mexa a bazi tat-taghrif li kellu biex imbaghad waqt il-kawza tqanqlu kwistjonijiet ohra.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi prodotti johrog bic-car li s-Socjeta Attrici kienet tforni materjal lil Mark Anthony Portelli li jigi iben il-Konvenuta. Kienu jinhargu fatturi li kienu jkunu indirizzati lil Eye Communications u kien jitnizzel numru tal-VAT partikolari li jirrizulta li kien dak tal-Konvenuta. Kollox mexa harir fis-sens li l-fatturi li kienu jinhargu, kienu jithallsu sakemm fl-ahhar baqa' tliet fatturi li ma gewx saldati u li jikkostitwixxu l-mertu tal-kawza odjerna;

Illi harsa lejn l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta) turi li r-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT mhijiex xi haga li ghandha tittiehed leggerment imma hi xi haga li timporta jeddijiet u obbligi serji. L-Art. 10 u 11 tal-Kap. 406 jimponu l-obbligu li kull persuna taxxabbli (kif definita fl-Att) ghandha tkun registrata ghall-ghanijiet tal-Kap. 406. L-Art. 5 tal-Kap. 406 jipprovdi li "persuna taxxabbli" tfisser persuna li twettaq attività ekonomika ikun x'ikun ir-riżultat jew l-għan ta' dik l-attività. Kull persuna registrata mad-Dipartiment tal-VAT tinghata dak li jissejjah "numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud" u cjoe numru individwali – volgarment, numru tal-VAT – u li, għall-għan ta' provvista, dak in-numru ghandu jigi kkomunikat lill-provditur. Fejn imiss ma' fatturi fiskali, l-Art. 50(1) tal-Kap. 406 jipprovdi espressament li:

> Kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 li tagħmel provvista, barra minn provvista eżenti bla kreditu, lil persuna oħra li tidentifika lilha nnifisha għall-għan ta' dik il-provvista permezz ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandha tipprovdi lil dik il-persuna l-oħra b'fattura ta' taxxa fiż-żmien determinat skont id-dispożizzjonijiet tat-Tnax-il Skeda.

Illi huwa pacifiku li relazzjoni kuntrattwali titnissel min-negozju li jkun qieghed isir bejn persuni kapaci li jikkuntrattaw skond il-ligi u mhux a bazi ta' numru tal-VAT. Il-Qorti tal-Appell (kolleggjalment komposta) fis-sentenza fl-ismijiet "J. Lautier Co. Limited *vs* Alfred Cutajar" deciza fl-4 ta' Novembru 2005 kellha tqis dan il-punt fil-kuntest ta' kwistjoni dwar provvista lil missier li pprovda n-numru tal-VAT ta' ibnu. Il-Qorti rriteniet hekk:

> L-appellant mhux biss ma ppruvax izda lanqas biss allega li huwa kien avza' lis-socjeta` attrici li dak ix-xoghol kien qed jiehdu ghan-nom u in rappreżentanza ta' ibnu. Enfasizza hafna l-fatt li huwa kien ta lis-socjeta` attrici l-VAT Number ta' ibnu Ivan Cutajar. Effettivament dan il-VAT Number jidher fid-dokumenti tas-socjeta` attrici pero` f'dawk id-dokumenti mhuwiex abbinat ma' ebda isem specifiku wisq inqas ma' dak ta' Ivan Cutajar. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, is-socjeta` attrici ma

> kellha l-ebda kontroll jew mod ta' verifika fuq in-numru tal-VAT li jigi supplit lilha. Jirrizulta li l-konvenut appellant ma kellux VAT Number u ghalhekk jista' jaghti l-kaz li huwa nqeda bil-VAT Number ta' ibnu ghax forsi haseb li b'hekk seta' jitlob ir-*refunds* li setghu kienu dovuti. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti r-relazzjonijet kontrattwali bejn il-kontendenti ma jitwieldux min-numru tal-VAT izda mill-fatt tal-bejgh u ta' l-akkwist tal-merkanzija.

Illi llum il-gurnata madankollu, l-affarijiet huma xi ftit differenti mhux biss peress li wiehed jista' facilment jivverifika numri tal-VAT anke fuq l-internet;

Illi dan iwassal lit-Tribunal sabiex jistaqsi jekk il-fatt li wiehed jidentifika ruhu permezz ta' numru tal-VAT huwiex bizzejjed sabiex titnissel relazzjoni bejn il-persuna registrata li lilha jkun jghajjat dak in-numru u l-kummercjant li jkun qieghed jissuplixxi. Ir-risposta logika hija wahda negattiva anke ghaliex numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jista' jintuza b'malizzja. Mill-banda 'l ohra wiehed irid iqis li l-persuna registrata li n-numru taghha jkun imnizzel fuq fattura fiskali tista' tapplika ghar-rifuzjoni tal-VAT u mhuwiex normali li wiehed jaghti numru tal-VAT ta' terz u jiddekadi mid-dritt li jitlob ir-rifuzjoni tal-VAT proprju ghaliex il-fattura fiskali tkun tghajjat lil haddiehor. Dan it-Tribunal, diversament presedut, fis-sentenza ricenti tad-9 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet "Albert F.S. Manduca Limited *vs* Andrew Pace *et*" irritjena:

> jirriżulta li anke jekk l-isem indikat fuq il-fatturi mertu ta' din il-kawża huwa Andrew Pace, in-numru tal-VAT fuq l-istess fatturi huwa tas-soċjeta` kjamata in kawża, u għaldaqstant bħala, konsegwenza l-istess fatturi tista' tibbenefika minnhom ai finijiet ta' rimbors ta' VAT is-soċjeta` kjamata in kawża u mhux il-konvenut.

Illi t-Tribunal iqis li b'mod ragjonevoli kull sitwazzjoni analoga ghal dik odjerna ghandha tigi ezaminata fuq il-merti taghha u hekk se jghaddi biex jaghmel fil-kaz odjern, naturalment fid-dawl tal-insenjament fuq riportat;

Illi fil-fehma tat-Tribunal mhuwiex verosimili dak li xehed Mark Anthony Portelli li hu ma jiftakarx x'numru tal-VAT kien jintuza fil-waqt li jghid li hu qatt ma pprovda n-numru tal-VAT li hemm fuq il-fatturi u cjoe dak tal-Konvenuta;

Illi mill-banda 'l ohra, ix-xhieda in subizzjoni u in kontro-ezami tal-Konvenuta titfa' dawl fuq il-kwistjoni peress li mill-ftit li qalet, uriet bic-car li hi kienet taf x'inhu ghaddej u kwindi irrendiet ruhha partecipi. Fl-ewwel lok tghid li hi mhijiex kummercjanta izda madankollu kienet registrata mad-Dipartiment tal-VAT. Wiehed jistaqsi ghalfejn ghandu jkun registrat fis-sistema tal-VAT jekk mhuwiex negozjant meta l-ligi hi cara li r-registrazzjoni hija riservata ghal min jezercita l-kummerc. Imbaghad l-istess Konvenuta kkonfermat li n-numru tal-VAT taghha kien qieghed juzah it-tifel taghha li kellu negozju relatat mal-kompjuters;

It-Tribunal iqis li dan ma kienx xi negozju izolat izda t-tarf ta' relazzjoni kummercjali pjuttost estiza bejn is-Socjeta Attrici u negozju imsejjah "Eye Communications" liema negozju mghandu l-ebda personalita guridika izda jidentifika ruhha bin-numru tal-VAT tal-Konvenuta. Fil-fehma tat-Tribunal, ma kienx hemm lok li s-Socjeta Attrici tiddubita u taghmel xi investigazzjonijiet aktar milli ghamlet. Il-Konvenuta kienet taf precizament x'negozju kien qieghed isir f'isimha u jekk hasset li kien hemm xi haga li hi ma tapprovax, kellha tiehu passi. Mix-xhieda taghha jidher ukoll li hi kienet taf is-sistema tal-VAT kif timxi tant li meta ma kienetx tinhtieg aktar in-numru, talbet li dan jithassar, dan sehh bejn wiehed u iehor fl-istess zmien meta r-relazzjoni mas-Socjeta Attrici kienet ser tintemm;

Illi t-Tribunal iqis li gie ppruvat li l-Konvenuta kienet konsapevoli ta' dak li kien qieghed isir f'isimha u ma jarax li s-Socjeta Attrici kellha taghmel mod iehor milli tipprocedi bil-mod kif ipprocediet;

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis li l-Konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-Socjeta Attrici l-ammont reklamat, imma temperat kif se jinghad aktar 'il quddiem, prevja li l-eccezzjonijiet minnha sollevati jigu michuda;

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda ta' Adrian Caruana Anastasi hareg li hemm differenza zghira bejn l-ammont reklamat fl-Avviz tat-Talba u dak li jirrizulta mid-dokumenti minnu prodotti meta xehed. It-Tribunal naturalment se jimxi mal-valur inferjuri pretiz u cjoe dak ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sittin euro u tmienja u tletin centezmu (€2,463.38) minflok dak indikat fl-Avviz ta' elfejn hames mija u disghin euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,590.54). Skond ma xehed Caruana Anastasi jidher li din id-diskrepanza tirrigwarda xi spejjez legali li prova taghhom mill-atti ma tirrizultax;

Ikkunsidra;

Illi kif diga nghad, ghad li fl-Avviz tat-Talba qieghdin jintalbu spejjez ta' ittra ufficcjali, din ma tirrizultax mill-atti u t-Tribunal ghalhek mhuwiex f'qaghda li jilqa' din il-parti tat-Talba;

Ikkunsidra;

Illi billi s-sentenza parzjali irriservat id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez ghall-gudizzju finali, it-Tribunal ghandu jiddeciedi anke dwar dan. F'dan ir-rigward ihoss li mhuwiex floku li l-ispejjez tal-kjamata in kawza tbatihom il-parti sokkombenti peress li jidher car li l-kjamata saret inutilment u dan ghar-ragunijiet hawn riportati in vista tar-relazzjoni bejn is-Socjeta Attrici u l-Konvenuta. Madankollu, sabiex jigu evitati ratizazzjonijiet u kumplikazzjonijiet simili, anke tenut kont tan-natura tal-proceduri, it-Tribunal sejjer jordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, konsapevoli li fl-ahhar mill-ahhar kieku kellu jordna lis-Socjeta Attrici thallas l-ispejjez tal-kjamata in kawza u li l-Konvenuta thallas il-bqija, ir-rizultat kien se jkun ftit jew xejn differenti;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sittin euro u tmienja u tletin centezmu (€2,463.38), u dana oltre l-imghax skond il-ligi b'effett mil-lum. In vista ta' dak li nghad aktar 'il fuq, l-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluzi dawk tas-sentenza parzjali tas-16 ta' Gunju 2015 ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*